**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Numru: 1/2024 SG**

**Joseph Attard**

**vs**

**Awtorità dwar it-Trasport f'Malta**

**Illum, 9 ta' Lulju 2024**

**It-Tribunal,**

**Ra r-rikors ippreżentat minn Joseph Nazzareno Attard datat 12 ta' Jannar 2024 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:**

1. «*Illi nhar 3 ta' Jannar 2024 l-esponenti irċieva ittra ta' rifjut datata 22 ta' Diċembru 2023 mingħandi l-awtorita appellata fejn ġie infurmat illi t-talba tiegħu sabiex jiġi rikonoxxut fil-qbiela tar-Raba magħrufa bħala Ta' Ħamet li tinsab ġewwa x-Xagħra, Għawdex tenement numru Z50058 u dana peress li skont l-istess awtorita l-appellanti ma issottometta ebda prova fir-rigward tal-qbiela li kienet jew għadha issejjaħ lill-oħtu Antonia Attard.*

2. *Illi l-esponenti ħass ruħu aggravata b'din id-deċiżjoni u għalhekk qiegħed jinterponi dan l-umli appell minnha.*

   *Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:*

   i. *Illi d-deċiżjoni tal-Awtorita hija manifestament żbaljata stante li r-raba de quo kien ilha imqabbla lill-antenanti tal-appellant 'l fuq minn mitt sena u l-ħlas tal-qbiela baqa' jitħallas regolarment ta' kull sena.*

   ii. *Illi mhux minnhu li l-esponenti ma provda "ebda" prova fir-rigward tal-qbiela. Għal kuntrarju ta' dak li intqal mil-awtorita fl-ittra sureferita l-esponenti provda d-dokumentazzjoni li intalbet minnhu u l-awtorita kellha qabel tgħaddi sabiex tiċħad it-talba tal-esponenti titolbu jikkjarifika jew jipprovdi dokumentazzjoni ulterjuri sabiex jindirizza kwalunkwe dubbju li setgħa kellha l-Awtorita'.*

*GĦALDAQSTANT u għar-raġunijiet fuq esposti u għal dawk ir-raġunijiet l-oħra illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponenti filwaqt li jirriserva li jippreżenta provi ulterjuri in sostenn tas-suespost, jitlob bir-rispett lill dan it-Tribunal sabiex jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Awtorita tal-Artijiet mogħtija fl-ittra datata 22 ta' Diċembru 2023 fejn l-istess Awtorita ċaħdet it-talba tal-appellanti sabiex jiġi rikonoxxut fil-qbiela tar-raba magħrufa bħala Ta' Ħamet li tinsab ġewwa x-Xagħra, Għawdex tenement numru Z50058 u minflokk jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tal-appellant sabiex jiġi rikonuxxut fil-qbiela tal-istess raba.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita tal-Artijiet appellata.*»

**Ra r-risposta tal-Awtorità tal-Artijiet li fiha ġie eċċepiet:**

1. *«Illi l-appell intavolat mir-rikorrent huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.*

2. *Illi d-deċiżżjoni tal-Awtorita' esponenti hija waħda ċara u bbażata fuq ir-rekwiżiti legali li jirregolaw it-talba tal-appellent u dan kwantu t-talba kif formulata lill-istess Aworita' sabiex ikun hemm rikonoxximent ta' l-appellant inkwilin tal-qbilea tar-raba' magħrufa Ta' Ħames limiti Xagħra, Għawdex.*

3. *Illi t-talba tal-appellant għar-rikonoxximent ġiet appunti miċħuda għaliex oħtu Antonia Attard ma kellha ebda titolu validu u rikonoxxut mill-Awtorita' appellata;*

4. *Illi allura l-appellant ma jista' qatt jiġi rikonoxxut flok oħtu kemm-il darba lanqas hi ma kienet rikonoxxuta bħala inkwilina mill-Awtorita' appellanti;*

5. *Illi r-raġunijiet mogħtija huma dettaljatissimi u ma' din ir-risposta qed jiġi anness ukoll l-case officer report markat bħala dok AA1 fejn il-każ qed jiġi dettaljatament preżentat u fejn qed jingħataw ir-raġunijiet dettaljati għar-rifjut;*

6. *Illi kif diga' ingħad f'diversi okkażżjonijiet tal-Awtorita' esponenti għandha dmir legali li tamministra l-propreta' tal-Gvern skont il-Liġi u skont il-policies tagħha biex u allura kull talba trid tiġi deċiża dawn il-parametri;*

7. *Illi it-talba tal-appellant kif sottomessa ġiet debitament ikkunsidrata, mistħarġa u eventwalment deċiża skont il-Liġi, policies u kif ukoll skont proċessi kif tirrekjedi amministrazzjoni ġusta u tajba.*

*Għaldaqstant l-Awtorita' esponenti qed titlob lil dan it-Tribunal sabiex jiċħad dan l-appell u dan bl-ispejjeż kontra l-appellant.*»

**Sema'** l-provi;

**Sema'** trattazzjoni;

**Ra** d-dokumenti kollha esibiti;

**Ra** l-atti kollha;

**Ikkunsidra:**

Permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti qed jappella mid-deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità intimata permezz ta' ittra ta' rifjut datata 22 ta' Diċembru 2023 li biha ġie infurmat li t-talba tiegħu sabiex jiġi rikonoxxut fil-qbiela ta' raba' magħrufa bħala 'Ta' Ħamet' ġewwa x-Xagħra Għawdex ġiet miċħuda. Fid-deċiżjoni, ġie spjegat li tali deċiżjoni ttieħdet peress li ma tressqet l-ebda prova fir-rigward tal-qbiela li kienet jew għadha ssejjaħ lil Antonia Attard. Infatti, intqal:

«*Ngharrfek illi t-talba tieghek ma gietx milqugha stante illi l-ebda prova ma giet sottomessa fir-rigward tal-qbiela li kienet jew ghadha ssejjah lill-ohtok Antonia Attard.*»

Ir-rikorrenti appella peress li sostna li d-deċiżjoni hija żbaljata stante li r-raba' kienet ilha mqabbla lill-antenati tal-appellant 'il fuq minn mitt sena u l-ħlas tal-qbiela dejjem sar b' mod regolari. Ir-rikorrenti sostna wkoll li huwa kien pprovda d-dokumentazzjoni li ntalbet minnu u l-awtorità kellha qabel tgħaddi sabiex tiċħad it-talba, titlob kjarifika jew titlob li dan jipprovdi dokumentazzjoni ulterjuri.

L-Awtorità intimata kkontestat dan l-appell għal diversi raġunijiet. Ġie spjegat li t-talba li saret kienet għal rikonoxximent tar-rikorrenti appellant bħala inkwilin tal-qbiela tar-raba' magħrufa bħala ta' Ħamet ġewwa, ix-Xagħra, Għawdex. Eċċepiet li Antonia Attard qatt ma kellha ebda titolu validu u rikonoxxut mill-Awtorità intimata u per konsegwenza r-rikorrenti ma jista' qatt jiġi rikonoxxut flok oħtu ġaladarba din qatt ma kienet rikonoxxuta bħala inkwlina mill-awtorità tal-artijiet. Eċċepiet ukoll li fil-case officer report hemm indikati r-raġunijiet wara dan ir-rifjut. Ġie dikjarat ukoll li d-deċiżjoni ttieħdet skont il-liġi u policies viġenti.

**Ikkunsidra**

Mill-case officer report esibit bhala Dok AA1 rriżulta s-segwenti:

«*The recognised tenants are:*
*1. Mr Joseph Gatt and*
*2. Mr Carmel Gatt*
*c/o Antonia Attard.*

*This is how the records are in the file and also on Lemis.*

*From the file, and from Lemis records, despite the fact that his sister might have worked portions of this tenement, there has never been a title confirming her are as an acknowledged tenant over this tenement. The undersigned had asked the applicant to provide with proof as to the title which his sister held, however his reply confirms that essentially despite the fact that his sister had worked the land, and was effectively paying the lease, the receipts given to her were indicating that she was paying on behalf of someone else.*

*Therefore, in view of the fact that to date Ms Antonia Attard did not have a valid legal title over this tenement, it is being recommended that his application be refused.*»

It-tribunal fela wkoll il-file kollu li ġie ppreżentat waqt is-smigħ ta' din il-kawża.

It-Tribunal fehem il-pożizzjoni tar-rikorrenti odjern. Ra li dan issottolinja li oħtu kienet taħdem parti minn dan it-territorju u li kienet tiġbor ukoll il-ħlas ta' qbiela mingħand bdiewa oħra li kienu jaħdmu f' dan it-territorju bil-għan li titħallas il-qbiela lill-Awtorità tal-Artijiet. Ir-rikorrenti ressaq anke evidenza tramite xhieda oħra li l-pussess tal-artijiet mertu ta' din il-kawża odjerna kienet f'idejn oħtu Maria Antonia Attard u preċedentement f'idejn familjari oħra tiegħu.

Madanakollu, ma jirrizulta minn imkien li Maria Antonia Attard kienet qatt ġiet rikonoxxuta mill-Awtorità tal-Artijiet bħala inkwilina f'dawn l-artijiet mertu ta' din il-kawża. Mill-inkartament li l-awtorità tal-artijiet ippreżentaw matul is-smigħ ta' din il-kawża jirriżulta li Maria Antonia Attard kienet biss *care of* fis-sens li kienet tiġbor u tħallas lil qbiela għan-nom ta' oħrajn.

Huwa inutli li r-rikorrenti odjern ippreżenta dikjarazzjoni ta' oħtu fejn fiha qed titlob li jiġi indikata lilha kemm għandha tħallas qbiela fuq l-artijiet li kienu jinħadmu minnha biss peress li hija ma kinitx ser tiġbor iktar qbiela għan-nom tal-bdiewa l-oħra. Din hija biss dikjarazzjoni li għamlet Maria Antonia Attard iżda bl-ebda mod ma tammonta għal xi prova ta' rikonoxximent daparti tal-Awtorità tal-Artijiet ta' xi titlu a favur ta' Maria Antonia Attard. Ir-raġuni tar-rifjut mogħtija kienet waħda ċara u ċjoè li ma kien hemm l-ebda prova li l-qbiela kienet jew għadha ssejjaħ lil Antonia Attard.

Huwa argument infondat ukoll li r-rikorrenti jipprova jinħeba dwar il-fatt li Joseph Gatt, li huwa wieħed mill-inkwilini rikonoxxut mill-Awtorità tal-Artijiet, ilu mejjet għal żmien twil u li dan il-fatt kien a konjizzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet. Li ried isir huwa li l-eredi ta' Joseph Gatt kellhom jipproċedu li japplikaw mal-Awtorità tal-Artijiet biex jiġu rikonoxxuti bħala inkwlini minflok il-mejjet. Madanakollu, dan kien jinkombi li jsir mill-persuni interessati u ċjoè mill-eredi ta' Joseph Gatt.

Dan it-Tribunal jifhem l-ilment tar-rikorrenti fis-sens li dak li ġie mitlub jippreżenta, huwa ppreżentah u li ġaladarba huwa ma ntalabx iressaq aktar provi dwar il-provenjenza, ma kienx ġust li l-applikazzjoni tiegħu tigi miċħuda filwaqt li r-records jibqgħu mhux aggornati. Madanakollu, kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jippreżenta provi dwar it-titlu li allegatament kellha Maria Antonia Attard, ġaladarba jidher li anke mid-dokumenti li kellu huwa stess u li ppreżenta fl-atti ta' din il-kawża, Antonia Attard dejjem irraffigurat ruħha bħala li qed tħallas il-qbiela għan-nom ta' xi persuna oħra.

Mhuwiex argument fondat li jsiru domandi retoriċi dwar x'sens kien li Antonia Attard tiġbor l-qbiela tal-bdiewa l-oħra jekk hi ma kellhiex raba' f' isimha xi tħallas. Il-punt jibqa' li mill-file jirriżulta li Antonia Attard dejjem irrafigurat bħala persuna li kienet qed tħallas il-qbiela għan-nom ta' persuni oħra. Ġaladarba qatt ma rraffigurat ruħha bħala inkwlina rikonoxxuta mill-Awtorità tal-Artijiet, l-Awtorità tal-Artijiet ipproċediet b'mod tajjeb meta kkonkludiet li l-applikazzjoni hekk kif mitluba tiġi miċħuda.

Dan it-Tribunal iqis li t-talba għal rikonoxximent għandha ssir in konnessjoni ma' persuna li hija rikonoxxuta bħala inkwilin fuq l-art in kwistjoni. Ir-rikorrenti stess ippreżenta rċevuti li minnhom jirriżulta fuq isem min kienet din il-kirja u

għalhekk huwa kellu jagħmel talba sabiex jiġi rikonoxxut bħala inkwilin minflok dik il-persuna jew dawk il-persuni li huwa rikonoxxuti bħala inkwilini f'din il-kirja. L-istess rikorrenti fl-applikazzjoni li għamel mal-Awtorità tal-Artijiet u ċjoè AGRI 1 u li ġiet ippreżentata f'din il-kawża, niżżel bħala *reason justifying request* li:

«*This property has been rented to my family many years, and for some reason it is in care of sister Maria Antonia Attard, and we have been paying the rent for many years. The property should not appear to be rented to Joseph Gatt or Carmel Gatt. My grandfather was Joseph Gatt.*
*My sister is very old 93 years of age and she wishes to transfer this parcel to me her natural brother.*»

Ir-rikorrenti ma jistax jipprova jinħeba wara argumenta li l-Awtorità messha talbitu iktar dokumenti. Huwa kien ben konsapevoli li oħtu Antonia Attard lanqas ma kienet rikonoxxuta f'din il-kirja u għalhekk semmai kellu jressaq provi sabiex jissostanzja dak li allega fl-applikazzjoni tiegħu u ċjoè li Joseph Gatt kien nannuh. Infatti, imbagħad wara li ngħatat id-deċiżjoni fit-3 ta' Jannar 2024, l-istess rikorrenti reġa' bagħat ittra lill-Awtorità tal-Artijiet esibita bħala Dok KB5 fejn spjega l-provenjenza tiegħu, iżda għal darb'oħra lanqas ma kkorrabora tali ittra u affidavit b'dokumenti neċessarji u ċjoè pereżempju testmenti u riċerki testamentarji.

Lanqas ma jista' r-rikorrenti jsib xi sostenn għat-talba odjerna tiegħu billi jargumenta li kien hemm terzi persuni li ġew rikonoxxuti f' dan it-territorju u li għalhekk it-talba tagħhom ġiet milqugħa mill-Awtorità. L-Awtorità tal-Artijiet ħarġet diversi skemi matul is-snin u għalhekk applikanti li ppreżentaw dak mitlub, ġew rikonoxxuti u rregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom.

Dan it-tribunal iqis li ghalhekk l-Awtorità ddeċidiet it-talba tar-rikorrenti b' mod ġust. Dan qed jingħad iktar u iktar meta t-Tribunal iqis ukoll li sa anke saret ittra uffiċjali fil-mori ta' din il-kawża kontra l-Awtorità tal-artijiet (DOk KB2) li permezz tagħha terza persuna qiegħda wkoll tressaq pretensjoni fuq l-art mertu ta' din il-kawża.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq indikati, dan it-Tribunal qed jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet u jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrenti.

**(ft.) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**